# ID-DAWL

FRAR 2023

WWW.AHMADIYYA.MT

NUMRU 62

**"Tassew, Alla qiegħed ma' dawk li huma devoti u ġusti."**



Flimkien | Min huma d-Devoti? | Il-Ġid u l-Prosperità | 'Il Bogħod mill-Vizzji

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# FLIMKIEN

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Il-ħajja f'soċjetà hija dejjem ta' sfida kbira u nsibu ħafna kwistjonijiet u problemi li jħallu l-marka tagħhom fuq l-individwi u fuq is-soċjetà kollha kemm hi. Madankollu, jekk il-partijiet interessati kollha jikkooperaw ma' xulxin u jaqdu r-rwol tagħhom u jippruvaw isibu soluzzjonijiet għall-problemi kollha b'konsultazzjoni reċiproka u għerf kollettiv allura problemi bħal dawn jistgħu jiġu solvuti.

Waħda minn dawn il-problemi hija l-vizzju u l-użu tas-sustanza fiż-żgħażagħ. Għalhekk huwa importanti li ngħallmu liż-żgħażagħ il-valuri tal-ġustizzja, verità, kompassjoni, solidarjetà u rispett sabiex flimkien nistgħu nibnu soċjetà soda mibnija fuq il-valuri morali.

F'din l-edizzjoni qed nippreżentaw lill-qarrejja tagħna problema soċjali tal-vizzju u nixtiequ nipprovdu xi punti ta' ħsieb biex insolvu din il-kwistjoni. Barra minn hekk, xi għarfien profond u għaqli biex insiru ġusti, twajba, devoti, u kif nistgħu nsibu kuntentizza u sodisfazzjon vera.

Għax kull fejn hemm rieda soda u pożittiva, dejjem insibu xi soluzzjoni għall-problemi tagħna u naslu fejn nixtiequ. **Fejn hemm ir-rieda, hemm it-tama.**

**ID-DAWL**

FRAR 2023 – Numru 62
Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

**INDEX**

Together 02
Who are the Righteous? 03
Affluence and prosperity 04
True happiness 05
Away from addiction 06

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Leolintang | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# MIN HUMA D-DEVOTI?



Dieddin | Shutterstock

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jgħid:

Fil-verità, hemm diversi wegħdiet sbieħ għad-devoti u ġusti. X'jista' jkun hemm aktar mill-fatt li Alla Gglorifikat huwa ħabib tad-devoti? Dawk li jsostnu li jgawdu l-qrubija ta' Alla, mingħajr ma juru devozzjoni, huma giddibin; fil-fatt, dawn in-nies jgħixu ħajja ta' dnub u trasgressjoni. Huma jwettqu inġustizzja serja immens meta jsostnu għalihom infushom il-pożizzjoni ta' qdusija u l-qrubija ta' Alla, għaliex Alla Gglorifikat afferma li wieħed irid ikun devot biex jikseb dawk il-pożizzjonijiet.

# GĦAJNUNA DIVINA

Kundizzjoni oħra li Alla Gglorifikat stipula f'dan il-kuntest, jew x'aktarx—wieħed jista' jgħid— sinjal tad-devoti bħalma stqarr Alla, huwa dan li ġej: **Tassew, Alla qiegħed ma' dawk li huma devoti u ġusti**. (Il-Koran, 16:129)

Li jfisser, Alla jinsab ma' dawk, jiġifieri joffri għajnuna divina, lil dawk li huma devoti. L-akbar prova tal-fatt li Alla qiegħed ma' ċerta persuna hija l-għajnuna u s-sapport li Huwa jagħtihom. Minħabba li n-nies m'għadhomx ġusti, il-bieb tal-qdusija ngħalaq għalihom, u minħabba li mhumiex devoti, ix-xatba għall-kumpanija u s-sapport ta' Alla wkoll ingħalqet għalihom. Dejjem ftakru li l-għajnuna ta' Alla ma tingħatax lill-midinbin, u lanqas lil dawk li huma trasgressuri, għaliex l-għajnuna divina tiddependi fuq id-devozzjoni. L-għajnuna ta' Alla hija riservata għad-devoti.

## IL-ĠID U L-PROSPERITÀ

Imbagħad, hemm aspett ieħor ukoll. Il-bnedmin isofru minn diversi diffikultajiet u sofferenzi, u għandhom ħafna ħtiġiet. Għal darb'oħra, huwa bis-saħħa fundamentali tad-devozzjoni li wieħed jista' jara d-diffikultajiet tiegħu jissolvew u l-bżonnijiet tiegħu jiġu sodisfatti. Bid-devozzjoni biss wieħed isib it-triq li jeħles mit-tbatijiet finanzjarji u diffikultajiet oħra wkoll. Alla Gglorifikat jiddikjara:

**U dak li jibża' minn Alla — Huwa jfassallu triq 'il barra, u jipprovdilu minn fejn qatt ma stenna.**

(Il-Koran, 65:3-4)



NamtipStudio | Shutterstock

Jiġifieri, f'kull diffikultà, dak li jibża' minn Alla—Huwa jsiblu soluzzjoni, u jipprovdilu mod kif jeħles minn dak li ma jidhirx; u jagħtih il-proviżjon minn fejn qatt ma jkun qed jistenna.

Issa aħsbu u osservaw, il-bniedem x'għandu bżonn aktar minn din il-ħajja? L-akbar xewqa li għandu l-bniedem f'din id-dinja hija li jsib il-paċi u l-kuntentizza, u għal dan il-għan, Alla Gglorifikat ħoloq triq waħda possibbli—it-triq magħrufa tad-devozzjoni. Din tista' tiġi deskritta fi kliem ieħor bħala t-triq tal-Koran Imqaddes, li hija sinonima mat-triq id-dritta (*sirat-e-mustaqim*).

## IL-KUNTENTIZZA VERA

Il-kuntentizza vera, fir-realtà, hija riservata għal dik il-persuna li tibża' minn Alla, li għaliha, Alla Gglorifikat jistqarr li hemm żewġ ġenniet. Persuna li tibża' minn Alla, tista' ssib aktar kuntentizza f'għarix, milli persuna tad-dinja, li tkun ilsira tar-regħba u x-xeħħa, qatt tista' ssib saħansitra ġo kastell manjifiku. Aktar ma persuna materjali tikseb għana minn ta' din id-dinja, aktar se ssib ma' wiċċha sofferenzi. Għaldaqstant, ftakru li l-veru lussu u pjaċir mhumiex se jitgawdew min-nies tad-dinja. Tkunux żgwidati mill-idea li ħafna rikkezzi, ilbies għali u eleganti, u ikel fin se jġibu l-kuntentizza. Assolutament le. Il-kuntentizza vera tiddependi biss fuq id-devozzjoni.

(Malfużat, Vol. 2, p. 133-135)



# NGĦINU LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ JOQOGĦDU 'L BOGĦOD MILL-VIZZJI

**MUSKAN ATIF - Studenta**

## X'inhu vizzju?

Il-vizzju huwa drawwa li persuna ma tkunx tista' tgħix mingħajrha, pereżempju, it-tipjip. Jekk persuna tpejjep kuljum, u ma tgħaddix ġurnata li ma tpejjipx fiha, dik tkun il-konferma li dik il-persuna hija vvizzjata għat-tipjip. Il-vizzji kollha huma ħżiena, u jikkawżaw deni u ħsara lis-saħħa u s-sigurtà ta' dak li jkun, bħat-tipjip, ix-xorb, it-teħid tad-drogi jew sustanzi illeċti, u l-logħob tal-azzard.

## X'inhuma l-effetti negattivi tal-vizzji?

Kull vizzju jħalli impatt fuq il-ħajja ta' persuna u jaffettwa b'mod negattiv il-benesseri tagħhom. Huwa jeqred is-saħħa tal-persuna li tkun ivvizzjata, u l-persuna titlef l-aktar ħaġa prezzjuża li hija s-saħħa sana, kif jgħid il-qawl, "Is-saħħa hija għana." Jekk ma niħdux ħsieb saħħitna, nistgħu nimirdu malajr faċilment u l-kura tista'



Ground Picture | Shutterstock

tkun għalja ħafna. Għalhekk, minflok nagħmlu ħajjitna miżerabbli, kemm hu għaqli li ma jkollna l-ebda vizzju ħalli saħħitna tibqa' sana. Huwa vera li s-saħħa hija għana ġenwina.

Il-vizzji jaffettwaw b'mod negattiv l-edukazzjoni tagħna. Jekk persuna tkun iffissata fuq il-logħob onlajn, jinħela ħafna ħin prezzjuż, ma jkunux jistgħu jikkonċentraw fuq l-istudji tagħhom, u jistgħu jeħlu wkoll fl-eżamijiet. Għaldaqstant, biex wieħed jiffoka aktar fuq l-edukazzjoni u jkollu futur sabiħ, huwa importanti li wieħed jitbiegħed minn kwalunkwe vizzju.

Il-vizzji jiddevjawna wkoll mill-problemi veri u l-objettivi ewlenin. Barra minn hekk, jinħlew ħafna flus u riżorsi meta jinxtraw il-bżonnijiet ta' dak il-vizzju partikolari.

Il-vizzji jistgħu jfarrku l-familji jew il-ħajja tal-familji. Fis-soċjetà tagħna nsibu ħafna kwistjonijiet tal-familji, tifrik u sofferenzi, u ħafna drabi jkunu riżultat ta' xi vizzju jew drawwiet ħżiena. Il-vizzju ta' persuna waħda jista' jfarrak familja sħiħa, għalhekk huwa importanti li wieħed joqgħod 'il bogħod minn dawn l-affarijiet ħżiena li jġibu tant tbatija għall-persuna u l-maħbubin tagħha.




Marekuliasz | Shutterstock

# KIF NEVITAW IL-VIZZJI?

Titfaċċa mistoqsija sempliċi, mela kif se nevitaw il-vizzji? Hemm ħafna modi ta' kif neħilsu minn dawn il-vizzji, bħal pereżempju jkollna ħbieb sewwa u pożittivi, u naqraw kotba tajbin. Dejjem naqraw li "l-bniedem ikun magħruf mill-kumpanija li jkollu". Huwa veru li aħna nitgħallmu mill-ħbieb tagħna u li huma jinfluwenzaw il-karattru tagħna.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu, ukoll semma x'tip ta' ħbieb għandu jkollna. "L-eżempju ta' ħabib tajjeb u ħabib ħażin huwa bħal dak li jbigħ il-fwejjaħ u dak li jonfoħ fl-imniefaħ tal-ħaddied. Għalhekk, fejn jidħol il-bejjiegħ tal-fwejjaħ, imbagħad, jew se jagħtik ftit jew se tixtri ftit mingħandu, jew, għall-inqas, se tgawdi riħa tfuħ minn fuqu. Fejn jidħol dak li jonfoħ l-imniefaħ tal-ħaddied, imbagħad, jew se jaħraqlek ħwejġek, jew se jkollok riħa tinten minħabba fih."

Li wieħed ikollu relazzjonijiet sani mal-ġenituri u l-qraba tal-familja jgħin ħafna wkoll; il-ġenituri jiggwidawna dwar x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin. Li wieħed iqatta' l-ħin mal-familja, jieħu l-pariri siewja mingħandhom u jipprattikahom kuljum, li wieħed jara programmi u dokumentarji tajbin, jieħu sehem fl-isports, li wieħed iżomm ruħu okkupat b'attivitajiet pożittivi u volontarji, kollha huma eżempji tajba kif wieħed iżomm ruħu 'l bogħod mill-vizzji.

## X'inhuma l-benefiċċji li nevitaw il-vizzji?

Isir ħafna ġid meta wieħed jevita d-drawwiet ħżiena għaliex inkunu b'saħħitna, nistgħu niffokaw fuq l-edukazzjoni tagħna, nistgħu nġemmgħu l-flus u jkollna aktar riżorsi, inkunu kuntenti u sodisfatti, ikollna karriera aħjar, niksbu aktar rispett fis-soċjetà; u billi nimxu fit-triq it-tajba nistgħu nkunu ta' benefiċċju għal pajjiżna u nservu lil pajjiżna aħjar.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**